# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 188/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Anna Coppola**

Seduta tal- 10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Anna Coppola, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 499075M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn il-perjodu li jkopri mill-1 ta' Jannar, 2014 sa l-1 ta' Awwissu, 2015, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' elf, mija u hamsa u tmenin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1185.24) ghad-dannu tal-Fondazzjoni Ghal Servizzi Edukattivi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuna/i ohra u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbilku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlet uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbilku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbbiku tal-Gvern;

4. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamlet falsifikazzjoni b'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet,

obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

6. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg taghha, ghamlet falsifikazzjoni ohra, jew xjentament ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat taghha jew ghal xi beneficju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titolu, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew f'dati lilha minhabba l-kariga jew impjieg taghha, jew inkella serqithom;

8. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu tal-Fondazzjoni Ghal Servizzi Edukattivi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuna/i

ohra u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 t' April, 2017 li biha sabet lill-imputata hatja fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka taghha stess u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor sa zmien tliet (3) snin, cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li qieset li dan m'ghandux ikun impost peress li l-istess artikolu jirrelata ma' offizi fuq estorsjoni u korruzzjoni minn Ufficjali jew impjegati pubblici li ma kienx addebitat lill-imputata;

Il-Qorti inoltre astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputata tkun ikkundannata thallas l-ispejjez ta' l-esperti jew periti nominati skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu ma tressqu l-ebda persuni fir-rigward;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi: 1) **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha u fil-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati illiberat l-appellata bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor sa zmien 3 snin mid-data tas-sentenza; u 2) **Tirriformaha** fis-sens illi tikkundanna lill-appellata ghall-interdizzjoni generali perpetwa in konformita' ma' dak kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellata;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghan-nuqqas tal-ewwel Qorti li tikkomina l-piena fl-intier taghha, ossia li timponi sanzjoni konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija. L-Avukat Generali jargumenta illi l-ewwel Qorti ma kellhiex ix-xelta li tghazel timponix jew le l-interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-appellata la darba kienet misjuba hatja bi ksur tal-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali;
2. L-imputata, *qua* ufficcjal pubbliku, kienet misjuba hatja, *inter alia*, bi ksur tal-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**127. (1) Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, jaghmel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew jisraqhom, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni generali perpetwa.**

3. Fid-decizzjoni taghha, l-ewwel Qorti ghazlet illi ma tilqax it-talba tal-prosekuzzjoni li timponi fuq l-imputata l-interdizzjoni generali perpetwa jew l-interdizzjoni specjali perpetwa (erronjament imnizzla interdizzjoni generali specjali fit-test Malti) kif jitlob l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti gustament ma kkominatx din is-sanzjoni ghaliex l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet ma kienu ravvizati fl-artikolu li jigi qabel l-artikolu 119 f'dak is-subtitolu. Il-prosekuzzjoni kienet zbaljata meta ghamlet dik it-talba lill-ewwel Qorti;

4. Minkejja dan, u kif inhu evidenti minn qari tal-artikolu 127, l-ewwel Qorti kellha timponi fuq l-appellata l-interdizzjoni generali perpetwa ghaliex hekk jitlob dak l-artikolu u la darba l-appellata instabet hatja ukoll ta' ksur ta' dak il-provvediment kif ravvizat fis-seba imputazzjoni. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun fl-appell tieghu u dan ser ikun akkolt;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba u konsegwentement **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija f'kull imputazzjoni dedotta kontra l-appellata, tikkonfermaha ukoll kwantu l-ewwel Qorti lliberat lill-appellata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 kif ukoll u fejn astjenijiet li tordna hlas tal-ispejjez fit-termini tal-artikolu 533 Kapitolu 9 izda timponi fuq l-appellata l-interdizzjoni generali perpetwa fit-termini tal-artikolu 127 tal-ligijiet ta' Malta;

6. Ghal kull buon fini, t-terminu tal-liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri mid-data tal-prolazzjoni tas-sentenza tal-ewwel

Qorti stante li l-appell tal-Avukat Generali ma jgibx mieghu is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza.